MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## ONOR. IMHALLEF GALEA DEBONO JOSEPH

Seduta ta' 24 ta' Ottubru, 2002

Appell Kriminali Numru. 145/2002

Il-Pulizija
(Spettur J. Mercieca)
Vs
Anthony Gauci

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-27 ta' Jannar, 2002 b'diversi atti maghmulin ukoll fi zminijiet differenti u bi ksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda talli meta hekk ordnat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ta' Malta naqas milli jaghti lil martu Anne Marie Gauci (minnu legalment separata) somma ta' mitt lira fil-gimgha ffissata minn din il-Qorti Digriet no. 229/99 bhala manteniment ghaliha fiz-zmien hmistax il-gurnata minn dak il-jum li fih skond dak ordnat kellha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Gunju, 2002, li biha wara li rat l-artikolu 338(2)  (Sic!) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

sabitu hati tal-akkuza kif addebitata lilu w kkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta' Gunju, 2002, li bih talab li din il-Qorti joghgobha li jew tirrevoka l-imsemmija sentenza jew tal-inqas, fl-interess tal-gustizzja w l-ekwita, tirriforma tali sentenza billi tibdel il-piena minn wahda restrittiva tal-liberta' f'wahda pekunjarja.

Rat l-aggravji tal-appellant ;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 t' Ottubru, 2002, li minnhu jidher li l-abbli difensur tal-appellant issolleva fir-rigward tas-sentenza appellata l-pregudizzjali tar-"res judicata" u ta' n- "ne bis in idem" minkejja li fir-rikors tal-appell ma kienx hemm aggravju dwar dan u impenja ruhu li sas-seduta tal-lum jipprezenta per mezz ta' nota vera kopja tas-sentenza li hu qed jiccita bhala li tkopri l-istess mertu tal-kawza odjerna.

Rat in-nota tal-appellant tat-18 t' Ottubru, 2002 li biha esebixxa vera kopja awtentikata ta'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Marzu, 2002 moghtija fil-konfront tieghu .

Semghet lil Prosekuzzjoni u l-parte civili u l-appellant ;

Illi huwa ovvju li din il-Qorti, qabel ma tghaddi biex tisma x-xhieda w tidhol fil-mertu tal-appell odjern , trid l-ewwel nett tiddeciedi din il-pregudizzjali ghax , jekk tirrizulta fondata , l-kawza tkun trid tieqaf hawn kemm ghaliex l-azzjoni tkun estinta kif ukoll ghaliex , anki jekk ma hemmx aggravju "ut sic" dwar ir-"res judicata" , l-Qorti "ex officio" trid tinvesti din il-materja li ingabet a konjizzjoni taghha .

Illi din il-kawza qed issir dwar nuqqas ta' hlas ta' alimenti provizorji ffissati mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili b' Digriet numru 229/99 li bih l-appellant kien gie ordnat li jhallas lil martu Maryanne Gauci s-somma ta' mitt lira Maltin (LM100) fil-gimgha u partikolarment fir-rigward tad-

data tas-27 ta' Jannar, 2002 fejn hu gie akkuzat li naqas li jhallas tali manteniment fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond dak ordnat kellu jithallas.

Illi pero' mis-sentenza esebita mill-appellant fuq imsemmija, jirrizulta li hu kien gja gie processat u gudikat mill-istess Qorti fl-14 ta' Marzu, 2002, riferibbilment ghall-akkuza talli mit-23 ta' Dicembru, 2001 sas-7 ta' Frar, 2002 , f'dawn il-Gzejjer, u b'diversi atti maghmulin wkoll fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda meta hekk kien ordnat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili naqas milli jaghti lil martu Anna Maria Gauci (minnu legalment separata) s-somma ta' mitt lira (LM100) fil-gimgha ffissata minn dik il-Qorti bhala manteiment ghaliha fiz-zmien hmistax il-gurnata minn dak il-jum li fih skond l-imsemmi digriet kellha tithallas dik is-somma .

Illi huwa ovvju mill-konnotati tal-appellant li jidhru kemm f'dan il-process u fis-sentenza citata li din is-sentenza tirriferi ghall-istess appellant u martu ghalkemm f' din il-kawza isem martu jidher indikat bhala MARYANNE u fil-kawza fuq citata jidher indikat bhala ANNA MARIA GAUCI. Illi hu ovvju ukoll li l-periodu kopert mis-sentenza citata jinkludi l-periodu kopert u d-data imsemmija fl-akkuza mertu ta' dan l-appell. Ghalhekk jirrizultaw iz-zewg rekwiziti biex tista' tigi milqugha l-pregudizzjali tar-res judicata u cioe' li l-persuna li tingieb quddiem il-Qorti t-tieni darba tkun l-istess wahda w li tkun qed tigi akkuzata bl-istess fatt .

Illi ghalhekk tidher altru mill-fondata l-pregudizzjali tar-res judicata sollevata mill-appellant .

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddikjara l-procediment kontra l-appellant estint minnhabba r-res judicata w cioe' is-sentenza tal-14 ta' Marzu, 2002 u ghalhekk ma tiehux konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell .

(ft) Joseph G. Galea Debono .

24.10.02.

Paul Miruzzi
Assistent Registratur